# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI   NUMRU  2 4 6 0

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3360/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Josef  Aquilina**

**vs**

**Heritage  Malta**

**dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju**

Illum 7 ta’ Frar  2017

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' Josef Aquilina tramite l-avukat Dottor Abigail Critien pprezentat fir-Registru tal-Qorti fid-29 ta' April  2015.

Preliminari

Dan huwa kaz fejn ir-rikorrent jilmenta li wara li f'Dicembru 2012 huwa gie impjegat ma' Heritage Malta bhala Wood Conservator,  f'Jannar 2014 huwa beda jaghmel xoghol li jezorbita t-titolu tieghu ta' Wood Conservator  u beda jaghmel xoghol ta'  Principal Conservator (Wood), liema titolu fuq il-karta ma jezistix fi hdan Heritage Malta, pero' fil-prattika jezisti.  B'hekk huwa jilmenta li qed jigi mcahhad minn salarju u beneficji li jkunu jispettaw lilu kieku jinghata tali titolu, u dan in kwantu tali salarju oghola u beneficji qed jinghataw lil impjegati ohra li jaghmlu xoghol b'responsabbiltajiet u portata ta' decizjonijiet ta' l-istess kalibru bhal tieghu.   Ghalhekk ir-rikorrent qieghed

jilmenta minn diskriminazzjoni ai termini tal-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrent qed jitlob rimedju ghad-diskriminazzjoni u qed jitlob li huwa jinghata l-grad ta' Principal Conservator –Wood.

Din id-Decizjoni tittratta l-ewwel eccezzjoni sollevata minn Heritage Malta li tghid li din l-azzjoni giet preskritta ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta stante li kif jghid l-istess rikorrent huwa ilu jbaghti mill-agir diskriminatorju ta' Heritage Malta minn Jannar 2014.

<u>Fatti relattivi ghal din l-eccezzjoni</u>

Ir-Rikorrentipprezenta l-*letter of appointment* tieghu tat-3 ta' Dicembru 2012 bhala *Conservator – Wood,* u l-kuntratt tax-xoghol tieghu tal-istess data. Huwa pprezenta wkoll il-job description ta' Principal Conservator li bhala skop tindika li dan l-impieg kellu jkun biex "*Assist in the provision of strategic leadership and in the overall direction in the specific area of expertise in Conservation while providing the necessary academic support in the related field of expertise as required.*" (Dokument JA3 folio 61); mentri dik ta' Conservator (folio 60) l-iskop ghalih huwa "*To undertake conservatrion practice according to the direction outlined by the Conservation Manager.*" Imbghad fil-15 ta' Jannar 2014 ir-rikorrent kiteb email lill-Principal Conservator Joseph Schirio fejn qallu li huwa qed jaccetta li jibda jahdem f'dak li kellu jkun il-Wood-lab, pero' kellhom isiru diversi xogholijiet biex jigi armat dan il-laboratorju. Schirio rrispondih dakinhar stess fis-sens li huwa kien kuntent li r-rikorrent kien accetta li jaghmel dak ix-xoghol fil-post iddestinat li jkun Wood-lab, pero' bhala armar tal-laboratorju dan kellu jistenna affarijiet ohra li kellhom priorita' oghola. Jghid li Schirio irtira mix-xoghol gimghatejn wara. Illum hemm Kenneth Gambin bhala kap tat-taqsima tar-restawr, u Anthony Spagnol bhala Principal fuqu, pero' dan huwa espert fil-pittura, mhux fl-injam. Ghalhekk certi responsabbiltajiet, bhal tqassim tax-xoghol, pjanar ta'

time-frames u ohrajn, ghalkemm suppost jaqghu fir-responsabbilta' ta' Principal Conservator, qed jaghmilhom hu. Jghid li hemm hames taqsimiet ta' konservazzjoni (A- pittura; B – oggetti, C – tessuti, D - karta u E – injam), u fit-taqsima tal-injam hemm biss hu. Jghid li skond il-job descriptions hu, bhala Conservator biss, kellu jkun assistit u moghti direzzjoni minn Principal Conservator, pero' hu ma kellu xejn minn dan, u allura spicca jaghmel ix-xoghol ta' Conservator u ta' Principal Conservator f'dak li jirrigwarda injam. Jghid li fl-ewwel sena ta' impieg is-Sur Schirio kien itih id-direzzjonijiet, ghalkemm kien Kap tad-Divisjoni kollha, pero' meta spicca ma kellu lil hadd jidderigih u jamministra l-area tal-injam, u spicca jmexxiha hu. Huwa gab ezempji fejn matul l-2014 u l-2015 huwa intalab ifassal pjan ta' restawr, jamministra progetti ta' restawr ta' njam – u xoghol li suppost kellu jaqa' fil-mansjoni ta' Principal Conservator.

Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal ghandu quddiemu din l-eccezzjoni ta' eghluq taz-zmien ta' 4 xhur li fih l-impjegat seta' jressaq l-ilment tieghu (erronjament imsejha preskrizzjoni). Il-gurisprudenza kostanti fuq dan il-punt hija li jekk l-ilment huwa dwar att partikolari, allura l-4 xhur jibdew jiddekorru malli jsehh dak l-att. Pero' jekk id-diskriminazzjoni tirrigwarda xi kundizzjoni tax-xoghol, jew fil-hlas tax-xoghol li allura tibqa' tissussisti bla waqfien, it-terminu ta' 4 xhur jibda jiddekorri biss meta l-anomalija tispicca, jekk ikun il-kaz.

Kieku d-diskriminazzjoni allegata kienet tikkonsisti fil-fatt li l-kariga ta' Principal Conservator inghatat lil haddiehor b'diskriminazzjoni, allura malli tinhatar dik il-persuna l-ohra jibda jiddekorri l-perjodu ta' 4 xhur.

Huwa minnu li r-rikorrenti qed jippretendi li jinghata l-grad ta' Principal Conservator –Wood b'effett minn Jannar 2014, u ghalhekk wiehed irid jara jekk huwa setax jinghata dik il-kariga dak iz-zmien. Ir-rikors promotur jista' jinftihem li d-diskriminazzjoni sehhet f'Jannar 2014 meta r-rikorrent ma nhatarx Principal, u jista' jinftihem li d-diskriminazzjoni bdiet f'Jannar 2014 u ghadha ghaddejja sal-lum meta qed jinghata xoghol ta' Principal meta huwa ghandu grad u jithallas ta' Conservator.

Kieku kellu jirrizulta li r-rikorrent seta' inghata l-kariga ta' Principal Conservator –Wood sa minn Jannar 2014, pero' dik il-hatra ma inghatatlux b'diskriminazzjoni, l-att diskriminatorju jippresta ruhu f'azzjoni ta' darba u ghalhekk il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mal-mument li l-kariga ma inghatatlux. Jekk ir-rikorrent irid li dan il-kaz tieghu jigi investigat fuq dan il-binarju, allura sewwa tghid l-agenzija intimata li r-rikorrent ressaq l-ilment tieghu tardivament, ghaliex il-perjodu ta' 4 xhur beda jiddekorri mill-mument li r-rikorrent kellu jinhatar Principal. Jekk mill-banda l-ohra r-rikorrent irid li l-kaz tieghu jigi investigat in kwantu qed jinghata responsabbiltajiet li jmorru oltre l-grad tieghu, allura l-att li minnu qed isir l-ilment huwa rikorrenti u kontinwat, u l-erba' xhur jibdew jiddekorru mill-ahhar att irregolari f'dan is-sens. Ir-rikorrent donnu iridhom it-tnejn.

Dwar li ma inghatax grad ta' Principal f'Jannar 2014, ghandu jinghad li ma jirrizultax li f'Heritage Malta qatt kienet tezisti din il-kariga, tal-inqas sa ma infetah dan il-kaz, u ghalhekk ir-rikorrent ma setax jippretendi li tinholoq kariga gdida propju ghalih. Fi kwalunkwe kaz, kieku l-ilment tar-rikorrent jinftihem li huwa kellu jinghata l-kariga ta' Principal f'Jannar 2014, dan il-kaz jigi li gie pprezentat tardivament.

Jekk l-ilment tar-rikorrent jinftihem li r-rikorrent qed jigi mgieghel jaghmel xoghol li ma jaqax fil-kompetenza tieghu, allura nkunu qed nitkellmu fuq azzjoni kontinwata. Dan ikun parti mill-mertu tal-kaz. Skond l-ezempji gia' moghtija mir-rikorrent, huwa inghata xoghol li mhux suppost jinghatalu b'mod

regolari, u dan anke wara li infetah dan il-kaz. Hawnhekk it-Tribunal mhux jidhol fil-mertu ta' jekk huwiex minnu li dak li semma r-rikorrent kien jezorbita l-job description tar-rikorrent. Pero' jista' jigi stabbilit li in kwantu l-ilment tar-rikorrent jirreferi ghall-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu, liema kondizzjonijiet ghadu soggett ghalihom sal-lum, allura l-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri qabel ma huwa jieqaf jinghata dak it-tip ta' xoghol li hu mhux tenut jaghmel, jekk dan jirrizulta l-kaz.

Dwar il-hatra tar-rikorrent fil-grad ta' Principal, jekk din qed tintalab bhala rimedju talli huwa inghata xoghol li mhux suppost inghata, dan it-Tribunal jista' jaghmilha cara minn issa li huwa m'ghandux poter johloq karigi godda li ma jkunux jezistu fl-istruttura ta' entita' li timpjega l-haddiema. Jekk l-intimata tohloq dak il-grad, ir-rikorrent ikollu dritt japplika ghalih u jirregola ruhu skond dak il-kaz, pero' t-tribunal ma jistax jordna lill-intimata tohloq grad gdid ghal skopijiet ta' rimedju f'tilwima.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-intimata fis-sens li mhux iqis l-ilment tar-rikorrent bhala ta' wiehed ta' diskriminazzjoni ghax ma nhatarx Principal Conservator – Wood, imma lment ta' diskriminazzjoni fix-xoghol moghti lilu fejn bhala rimedju jippretendi li jinhatar Principal Conservator – Wood, u fil-waqt li jigi dikjarat li tali rimedju ma jistax jinghata dment li l-intimata ma tohloqx dak il-grad, in kwantu din l-azzjoni hija intiza biex ir-rikorrent jinghata rimedju talli l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu huma aktar oneruzi minn Conservators ohra, din l-azzjoni mhijiex mxekkla mill-perjodu tassattiv ta' 4 xhur kif indikat bl-artikolu 30 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk qed jigi ordnat il-prosegwiment tas-

smiegh tal-kaz fuq il-mertu, jekk ikun il-kaz, u limitatament skond din id-decizjoni.

Dr Leslie Cuschieri

Chairman